# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 27 ta' Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Josric Mifsud)**

**vs**

**Amanda Camilleri**

**Kumpilazzjoni Nru: 629/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:-

**Amanda Camilleri**, ta' 31 sena, bint Victor Camileri u Cettina nee' Caruana, imwieled Pieta', nhar it-3 ta'Gunju 1985 , u residenti fil-fond numru Blk 14, flat Flat 15 Trejqet il-ward Santa Lucija u/jew , door 3, Sqaq l-iskoccizi, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 418892M; u

**Omissis**

Akkuzati talli f'Ottubru, 2016 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billu urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' hmistax –il elf u erba' mitt Euro (€15,400.00) ghad-detriment ta' Tarcisio Fenech u/jew Bank of Valletta;
2. Talli f'Ottubru, 2016 u fix-xhur ta' qabel, ikkommettew serq ta' cekkijiet tal-Bank of Valletta bin-numri 000057, 000058, 000059 u 000060 mahruga fuq kont bankarju numru 40018713064 bi hsara ta' Tarcisio Fenech; u/jew Bank of Valletta;
3. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsfikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ghad-dannu ta' Tarcisio Fenech; u/jew Bank of Valletta; u
4. U talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz ghad-dannu ta' Tarcisio Fenech u/jew Bank of Valletta;

Lil Amanda Camilleri wahidha talli bejn is-16 u s-17 ta' Novembru, 2016 gewwa Flat 1, Alfons Court, Triq il–Hortan, Marsaskala u gewwa dawn il-gzejjer;

5. Ma' hallitx lil persuna ohra u cioe' lil Tarcisio Fenech jaghti t-taghrif jew provi mehtiega f'kawza kriminali u dan bi ksur tal-artikolu 111 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi uzat vjolenza sabiex iggieghel lil Tarcisio Fenech milli jaghmel, ihalli isir jew jonqos milli jaghmel xi haga u cioe' jixhed f'kawza kriminali u dan bi ksur ta' l-artikolu 251 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi gabet ruhha b'talli mod li kienet taf jew li missa kienet taf li tat fastidju lil Tarcisio Fenech b'theddid u dan bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bl-imgieba taghha ikkagunat biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna meta kienet taf jew imissha kienet taf li l-imgieba

taghha ser tikkaguna lil Tarcisio Fenech u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarrest lil hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Tarcisio Fenech kontra l-volonta' taghha'; u
10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kienet qed taghmel id-delitt kontra s-sigurta' tal-gvern jew kontra persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew delitt ta' serq jew ta' hsara lil propjeta (barra minn hsara involontarja lil propjeta) kellha fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari jew imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Il-Qorti, giet mitluba li titratta ma' Omissis u Amanda Camilleri bhala recedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmi Tarcisio Fenech u l-familja tieghu, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

## IL-PROVI

Illi **Tarcisio Fenech** xehed quddiem din il-Qorti[1] u spjega li huwa induna li kellu cekkijiet neqsien mic-cekk book meta mar ihallas l-insurance. Zied li kien baqalu wiehed biss u nduna ukoll li kien hemm cekkijiet maqtughin bil-mamma b'kollox. Dak in-nhar stess mar il-bank u qalulu f'isem minn kienu hargu dawk ic-cekkijiet in-neqsien: tlieta fuq l-imputata (ghall-ammonti ta' €3,000 €4,000 u €5,000) u wiehed fuq Kyle Mifsud (ghall-ammont ta' €3,400). Fenech jghid ukoll li l-firma li kien hemm fuq ic-cekkijiet ma kenitx tieghu. Fenech spjega li c-cekk book kien izommu fil-pocket tal-vann. Hu allega li kienet l-imputata, li kienet tohrog mieghu, li hadet ic-cekkijiet ghaliex hi gieli kienet tmur mieghu x-xoghol u toqghod fil-vann. Huwa spjega ukoll li peress li ma tantx jaf jikteb il-bicca l-kbira c-cekkijiet ma jimlihom hu imma jaghtihom li dak li jkun u hu joqghod attent ghan-numru li qed jiktbu. Fenech kompla jispjega li wara li ghamel ir-rapport lill-pulizija dwar is-serq tac-cekkijiet l-imputata bdiet tigri warajh u anke qaflietu fil-flat f'Wied il-Ghajn u haditlu ic-cwievet tal-vann. Bdiet tfittixlu biex tiehu flus imma ma kellux flus fuqu. Qal ukoll li dak in-nhar li sakkrithu fil-flat tatu daqqa bil-mus tieghu stess u anke kissritlu zewg SIM cards, nezzatlu l-qalziet u zammietu ostagg gurnata u lejl shih. Hu zied jispjega li hi sakkret il-bieb tal-flat u zammet ic-cavetta u zammet il-mus f'idejha biex Fenech ma jiccaqlaqx. Fenech spjega ukoll li eventwalment l-imputata iddeciediet li tmur l-isptar Monte Carmeli u wassalha pero sa kemm marru bidlet l-idea u ma hargitx mill-vann u kellu jerga jwassalha l-flat Wied il-Ghajn; wara li wassalha telqa 'l hemm. Fenech jghid li mbaghad kien hemm incident iehor f'Haz-Zabbar meta ratu ghaddej bil-vann, harget f'nofs tat-triq u waqqfithu u bdiet tghidlu biex jahfrilha inkella ma tatihx il-flus lura.

Ix-xhud esebixxa;

- Ic-cekk book li minnu ittiehdu ic-cekkijiet in ezami[2];
- Statement tal-kont relattiv[3]

Illi xehed rapprezentant tal-Bank of Valletta plc: **Alexander Miruzzi**[4]**,** li prezenta kopja awtentikata tac-cekkijiet bin-numru 57, 58, 59 u 60 mill-kont

[1] Depozizzjoni a fol 77.
[2] Dok TF1 a fol 90.
[3] Dok TF2 a fol 91.
[4] Depozizzjoni a fol 95.

ta' Tarcisio Fenech[5]. Ic-cekk numru 59 huwa datat 24 ta' Settembru 2016 u huwa mahrug f'isem Kye Mifsud ghall-ammont ta' tlett elef u erbgha mitt Euro (€3,400); dan ic-cekk issarraf fis-26 ta' Settembru 2016. It-tlett cekkijiet l-ohra (bin-numri 57, 58 u 60) huma mahruga f'isem l-imputata: cekk humru 57 huwa datat is-27 ta' Ottubru 2016 ghall-ammont ta' erbghat elef Euro (€4,000) li issarraf fit-28 ta' Ottunru 2016; cekk numru 58 huwa datat it-22 ta' Settembru 2016 ghall-ammont ta' tlett elef Euro (€3,000), li ssarraf fit-22 ta' Settembr 2016; u cekk numru 60 li huwa datat it-18 ta' Ottubru 2016 ghall-ammont ta' hamest elef Euro (€5,000) li ssarraf f'l-20 ta' Ottubru 2016.

Illi mac-citazzjoni l-ufficjal prosekutur prezenta:
- Stqarrija ta'l-imputata[6];
- Kopja tac-cekkijiet mahruga mill-kont ta' Fenech f'isem l-imputata[7];
- Okkorrenza dwar is-serq tac-cekkijiet[8];
- Okkorrenza dwar incident li sehh bejn is-16 u s-17 ta' Novembrbu 2016[9];

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gie nominat **Joseph Mallia** bhala espert kaligrafu. Mid-depozizzjoni[10] u r-rapport[11] tieghu jirrizulta li l-punti karatteristici tal-kitba kollha, kemm mal-faccata u man-naha ta' wara, fuq ic-cekkijiet numri 57, 58 u 60 jaqblu pozittivament mal-punti karatteristici tal-kitba ta' l-imputata. Jirrizulta ukoll li l-punti karatteristici tal-kitba kollha fuq il-faccata tac-cekk numru 59 jaqdblu pozittivament mal-punti karatteristici tal-kitba ta' l-imputata; il-firma fuq in-naha ta' wara 9dik ta' Kyle Mifsud) ma kenitx taqbel mal-kaligrafija ta'l-imputata.

Illi kif intqal **l-imputata** irrilaxxjat stqarrija[12]. Hija tghid li lil Tarcisio Fenech kienet ilha tafu madwar tett snin; ma kienux jiltaqghu ta' spiss peress li kienet fil-programm pero eventwalment bdew jiltaqghu aktar ta' spiss. Mistoqsija dwar cekkijiet mahruga minn fuq kont ta' Fenech f'isimha tghid li kien Fenech stess li qallha biex timlijhom peress li hu ma jafx jikteb. Gie suggerit lill-imputata li kienet hi li hadet dawk ic-cekkijiet u dan anke peress li l-mamma taghhom kienet nieqs, hija cahdet u insistit li kien Fenech li

[5] Dok AM1 a fol 98.
[6] A fol 21.
[7] A fol 27.
[8] A fol 28.
[9] A fol 33.
[10] A fol 139.
[11] Dok JM1 a fol 141.
[12] A fol 21.

tahomlha u li l-ammonti indikati f'dawk ic-cekkijiet huma ftit hdejn ammonti ohra li gieli taha. Hija ziedet li kien Fenech stess li ffirmahom ic-cekkijiet in ezami.

## L-IMPUTAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' l-ewwel erbgha imputazzjonijiet l-imputata qed tigi addebietata b'reati in konnessjoni mat-tehied ta' cekkijiet: truffa, serq, falsifikazzjoni, u uzu ta' dokumenti foloz.

Illi Fenech jallega li l-imputata serqet ic-cekkijiet u uzathom biex hadet flus mill-kont tieghu minghajr l-kunsens tieghu tant li jallega ukoll li l-firma li tidher fuqhom mhiex tieghu. L-imputata da parti taghha fil-waqt li tammetti li kienet hi li kitbet ic-cekkijiet, dan ghamlitu ghaliex kien Fenech li tahomlha u kien hu li iffirmahom.

Illi huwa car li hemm kunfiltt bejn il-verzjonijiet mghotija minn Fenech u l-imputata rispettivament. Pero huwa ben stabbilit li l-kunflitt fil-provi m'ghandux necessarjament iwassal ghall-liberatorja tal-persuna imputata imma l-Qorti ghandha tevalwa ix-xhieda kontradittorja fid-dawl tal-provi kollha prodotti u tara jekk tistax temmen lil xi hadd u f'xiex.

Illi mill-provi akkwezieti f'dan il-process jirrizulta ampjament li Tarcisio Fenech irrapporta s-serq ta' erbgha cekkijiet. Mic-cekk book tieghu (esebiet in atti) fil-fatt jirrizulta li hemm erbgha cekkijiet maqtughin bil-mamma b'kollox. Dawn huma ic-cekkijiet bin-numru: 57, 58, 59 u 60. Jirrizulta ukoll li dawn ic-cekkijiet gew prezentati l-bank u ssarrfu: tlieta (dawk bin-numru 57, 58, u 60 ghall-ammont ta' €4,000, €3,000 u €5,000 rispettivament) mill-imputata, u wiehed (dak bin-numru 59 ghall-ammont ta' €3,400) minn Kyle Mifsud[13]. Aktar minn hekk u mir-rapport ta'l-espert nominat Joseph Mallia jirrizulta ukoll li l-kitba kollha, inkluz il-firma ta' Tarcisio Fenech, fuq it-tlett cekkijiet imsarrfa minnha kienu miktuba mill-imputata; ic-cekk l-iehor

[13] Jirrizulta mill-atti li Kyle Mifsud kien ko-akkuzat f'dawn il-proceduri u kien imputat b'l-ewwel erbgha imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata odjerna. Huwa kien ammetta l-imputazzjonijiet migjuba konta tieghu.

(imsarraf minn Kyle Mifsud) kien miktub kollu minnha ukoll[14] hlif ghall-firma ta' Kyle Mifsud fuq in-naha ta' wara tac-cekk.

Illi Tarcisio Fenech spjega li peress li huwa ma tantx jaf jikteb meta jkollu bzonn jaghmel xi pagament il-persuna li tkun ha jhallasha bic-cekk timlih u hu kemm jirffirmah wara li jivverifika li n-numri (li jindikaw l-ammont pagabbli) jkunu korretti. Jghid li ghal kull cekk timtela ukoll il-mamma. Fil-fatt il-mamma tac-cekkijiet kollha fic-cekk book esebit qeghda hemm hlif ghal- dawk tac-cekkijiet fuq imsemmija.

Illi fil-verita Fenech kien dejjem konsistenti fil-verzjoni tieghu u gie korroborat f'diversi asserzjonijiet li ghamel. Min-naha l-ohra li l-imputata giet kontradetta f'dak li qalet zgur ghal dak li jirrigwarda l-firem fuq c-cekkijiet. Hija allegat ukoll li Fenech gieli taha flus fi drabi ohra u ghal ammomnti akbar minn dawk indikati fic-cekkijiet in ezami. Pero anke hawn ma tantx tista' tinghata kredibilita ghaliex mic-cekk book esebiet li jkopri pagamenti maghmula minn Fenech bejn Ottubru 2012 u Ottubru 2016 m'hemm l-ebda cekk pagabbli lill-imputata.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija konvinta li tista taghti kredibilita lil Fenech u l-verzjoni tieghu.

Ikkunsidrat

Illi konsewgentement ghas-suespost l-Qorti hija konvinta li c-cekkijiet bin-numru 57, 58, 59 u 60 insterqu mic-cekk book ta' Fenech mill-imputata meta hi kienet fil-vann waqt li hu kien il-xoghol. Ghalhekk tirrizulta sodisfacjetement pruvata t-tieni imputazzjoni fit-termini ta'l-artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet u r-raba imputazzjonijiet l-imputata qed tigi addebietata bir-reati prospettati f'l-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 183 jipprovdi hekk:

---

[14] Anke f'dan ic-cekk il-firma ta' Tarcisio Fenech giet maghmula mill-imputata.

*Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja ……*

Illi ai termini ta'l-artikolu 184 huwa reat li xi hadd xjentement jagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falsifikata bi ksur ta'l-artikolu 183.

Illi qari ta' dawn id-dispozizzjonijiet tal-Ligi huwa sufficjenti biex iwassal ghall-konkluzzjoni li dak li jikkontemplaw huwa il-falz materjali li fi kliem l-Antolisei jista' jissusissisti f'zewg forom:

*nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato.*[15]

Illi l-Professur Mamo jiccita b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny:

*Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[16]

Illi l-istess Profs Mamo jirreferi għad-dottrina Taljan msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad '*that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document.*"[17]

[15] Antolisei op cit pagina 606.
[16] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagna 161.
[17] Professur Mamo Anthony op.cit. pagina 161.

Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny joħrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:

> *The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense* ***that it purports to be made by a person who did not make it***[18] *(or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered*[19].

Illi mill-provi akwizieti f'dan il-process, u kif jirrizulta mir-riassunt tal-fatti ta' dan il-kaz, ic-cekkijiet esebieti in atti u li fuqhom huma bazati l-imputazzjonijiet issa in ezami ma ssubewx alterazzjonijiet wara l-formazzjoni taghhom. Min-naha l-ohra m'hemmx dubbju li l-awtur apparenti (Tarciso Fenech) ma kienx l-awtur reali taghhom ghaliex din kienet l-imputata li kitbithom u iffirmathom hi. Fi kliem Antolisei kull cekk *e' posto in essere da persona diversa da quell ache provenga*, jew fi kliem Archbold kull cekk *tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it.*

---

[18] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[19] Archbold ed.1997 pagna 1901 22-8.

Illi tenut kont ta' dan, tenut kont li l-imputata mhux biss imliet l-erbgha cekkijiet imma anke ghamlet firma fuqhom biex jidher li kienu gew iffirmati minn Tarcisio Fenech, tenut kont li l-imputata uzat tlieta minn dawn ic-cekkijiet billi prezentathom il-bank u sarrfithom, huwa car li l-agir taghha jinkwardra ruhhu f'definizzjoni ta' falz materjali u uzu ta' dokumenti falsifiktati u li konsegwentement l-istess imputata ghandu tinstab hatja tar-reati ravvizati f'l-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzzjoni l-imputata qed tigi addebietata bi truffa.

Illi dwar dan ir-reat u l-elementi kostituttivi tieghu huwa ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna li

> *biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[20].

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> *Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[21]

Illi dwar l-uzu ta' cekk misruq u falsifikat il-Qrati kellhom opportunita jippronunzjaw ruhhom diversi drabi. Fis-sentenza mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-26 ta' Settembru 1997 fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Patrick Sammut Ghigo, wara li l-Qorti kkonstatat li l-appellant f'dik il-

---

[20] Ref Pulizija ve Carmela German deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[21] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

kawza kien iffalsifika cekkijiet li kien seraq u sussegwentement sarrafhom fi flus, qalet li

> *Il-fatt li hu prezenta c-cheques lil persuna li in segwietu sarrfithomlu, jikostitwixxi l-messa in xena. Effettivament b'dik il-prezentazzjoni l-appellant inganna lil dik il-persuna billi gieghlha temmen li hu kellu kreditu li fil-fatt ma kellux.*[22]

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li b'l-agir taghha meta prezentat ic-cekkijiet, li kienet serqet u iffalsifikat, l-imputata halqet messa in xena biex induciet lill-ufficjali tal-bank biex jemmnu li hija ghandu kreditu f'l-ammonti indikati fic-cekkijiet b'mod li l-istess cekkijiet issarfu a detriment ta' Tarcisio Fenech.

Illi konsegwentenemt l-ewwel imputazzjoni ukoll tirrizuta sodisfacjentement pruvata b'dan li ai fini ta'l-artikolu 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-ammont li hadet l-imputata bhala rizultat ta' din it-truffa kien ta' tnax il-elf Euro (€12,000)[23].

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-imputazzjonijiet numru hamsa (5) sa ghaxra (10) l-imputata qed tigi addebeitata b'sensiela ta' reati in konnessjoni ma fatti rapportati minn Tarcisio Fenech u li graw bejn is-16 u s-17 ta' Novembru 2016 gewwa Flat 1, Alfons Court, Triq il-Hortan, Marsaskala.

Illi mid-depozizzjoni ta' Fenech jirrizulta li wara li irrapporta lill-pulizija dwar is-serq tac-cekkijiet l-imputata baqghet tigri warajh. Jidher ukoll li kien hemm okkazzjoni, f'Novembru tas-sena 2016, meta qaflitu fi flat, haditlu c-cwievet tal-vann, nezzatlu l-qalziet, u anke tatu daqqa b'mus (li kellu fil-but) u kissritlu s-SIM cards. Qal ukoll li fixxitlu kollox ghax riedet il-flus pero dak in-nhar ma kellux flus fuqu. Kompla jghid li zammietu lejl shih maghluq fil-flat ghax wara li sakkret il-bieb tal-flat qalghet ic-cwievet minn gol-bieb u qaghdet il-hin kollu hdejh bil-mus fuqha. Fenech kompla zied li mbaghad l-imputata riedet tmur l-isptar Monte Carmeli allura wassalha pero ma rieditx tidhol u ghalhekk wassalha lura l-flat u hu telaq.

---

[22] Ara f'dan is-sens Il-Pulizija vs Olaf Cini deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-21.06.2002, u Il-Pulizija vs Eleno Bezzina deciza mill-Qorti ta' Magistrati Malta fit-30.06.2008.
[23] Cioe l-ammonti imsarrfa permezz tac-cekkijiet bin-numru 58, 57 u 60.

Illi mill-okkorrenza relattiva[24] jiidher li dan l-incident sehh bejn is-16 u 17 ta' Novembru 2016 u li r-rapport lill-pulizija sar fid-19 ta' Novembru 2016.

Illi dwar dan l-incident l-imputata ma qalet xejn stante li hija ma xeheditx u l-istqarrija ittiehdet ftit qabel dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal l-Qorti ma tiddubietax mill-kredibilita ta' Fenech pero hemm hafna mistoqsijiet ta' certu relevanza li l-atti processwali ma jaghtux risposta ghalihom:

- Ma jirrizultax ghalfejn u taht liema cirkostanza Fenech dahal f'l-appartament ta' l-imputata.
- Ma jirrizultax f'liema stadju l-imputata haditlu l-mus u nezzatlu l-qalziet u liema minn dawn il-fatti gara l-ewwel, cioe jekk haditx il-mus meta kien ghadu liebes il-qalziet jew wara li nezzatulu.
- Minkejja li Fenech jghid li tatu daqqa bil-mus ma jghidx jekk soffriex xi griehi jew le.
- Ma jirrizultax jekk kienx hemm xi kollutazzjoni bejn Fenech u l-imputata fi kwalunkwe stadju u b'mod partikolari meta nezzatlu l-qalziet, meta pruvat tiehu l-mus u meta tatu daqqa bih.
- Lanqas ma jirrizulta ghalfejn Fenech dam tlett ijiem biex jaghmel ir-rapport mal-pulizija.

Illi sfortunatament fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reati issa in ezami l-Qorti tista tistrih biss fuq il-ftit informazzjoni li ta Fenech fid-depozizzjoni tieghu[25] ghaliex ma ngiebet l-ebda prova ohra fir-rigward. Il-ftit fatti li jemergu minn din l-informazzjoni pero mhumiex sufficjenti biex tkun tista' tinbena stampa cara u preciza ta' x'gara f'dan l-incident.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li ingeibu provi sufficjenti in sostenn tar-reati issa in ezami.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata qed tigi addebietata ukoll bir-recidiva.

---

[24] A fol 33.

[25] Il-Qorti hija konsapevoli ghaliex jirrizulta mill-okkorrenza, li meta Fenech ta'l-verzjoni tieghu lill-pulizija huwa ta aktar dettal pero l-Qorti tista toqghod biss fuq dak li qal Fenech fid-depozizzjoni tieghu.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li biex jirrizulta dan l-addebietu ghandhom jigu prezentati s-sentenzi li fuqhom huwa bazat dan l-addebietu. Il-fedina penali wahedha mhiex prova sufficjenti.

Illi l-prosekuzzjoni pero naqset li tipprezenti xi sentenzi li setghu inghataw fil-konfront ta'l-imputata ghalhekk ma ngiebitx prova sufficjenti ta' l-addebietu in ezami.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali refrettarja taghha. Hadet in konsiderazzjoni li fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami r-reati ta' serq u falsifikazzjoni ghandhom jitqiesu bhala mezz ai fini tal-kommissjoni tar-reat ta' truffa u dan fit-termini ta'l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet numru hamsa (5), sitta (6), sebgha (7), tmienja (8), disgha (9) u ghaxra (10) u tilliberaha minnhom, fil-waqt li ma ssibiex hatja ta'l-addebitu dwar recidiva u tilliberaha minnu, wara li rat l-artikoli 183, 184, 284, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3) u erbgha (4) u tikkundannaha **tlettin (30) xahar prigunerija**. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta rez applikabbli permezz ta' l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed **tordna lill-imputata thallas lil Tarcisio Fenech is-somma ta' tnax il-elf Euro (€12,000)**.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**